



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

7320/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0050(NLE)**

---

**PECHE 104**

## **PROPOSTA**

|                   |                                                                                                                                                                                                                         |
|-------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                         |
| data meta waslet: | 7 ta' Marzu 2019                                                                                                                                                                                                        |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                     |
| Nru dok. Cion:    | COM(2019) 101 final                                                                                                                                                                                                     |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li tirrevoka d-Deċiżjoni 10124/1/14 REV 1 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 101 final.

Mehmuż: COM(2019) 101 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.3.2019  
COM(2019) 101 final

2019/0050 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li tirrevoka d-Deċiżjoni 10124/1/14  
REV 1**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2023 b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent**

Il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (il-Konvenzjoni tad-WCPF) timmira, billi tistabbilixxi d-WCPFC, li tiżgura, permezz ta' ġestjoni effettiva, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli għal tul ta' żmien ta' stokkijiet ta' ħut migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Ġunju 2004.

L-Unjoni hija parti tad-WCPFC, wara li approvat il-Konvenzjoni tad-WCPF skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE<sup>1</sup>.

#### **2.2. Il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali**

Id-WCPFC hija l-korp stabbilit bil-Konvenzjoni tad-WCPF sabiex ikun responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni. Hija tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni sabiex tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul ta' stokkijiet ta' ħut migratorju ħafna fiż-żona tal-Konvenzjoni u tippromwovi l-aħjar użu tagħom. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

Bħala membru tad-WCPFC, l-Unjoni għandha drittijiet ta' parteċipazzjoni u ta' votazzjoni. Id-WCPFC tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha abbażi ta' konsensus, bil-possibbiltà ta' votazzjoni b'maġġoranza ta' tliet kwarti fuq deċiżjonijiet importanti fejn ma jkunx jista' jintlaħaq konsensus. Madankollu, jeħtieġ li jkun hemm konsensus fir-rigward ta' ċerti kwistjonijiet.

#### **2.3. Deċiżjonijiet tad-WCPFC**

Id-WCPFC għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha, li huma vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

F'konformità mal-Artikolu 20(5) tal-Konvenzjoni tad-WCPF, il-miżuri jistgħu jidħlu fis-seħħ 60 jum wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu nnotifikati bihom mid-WCPFC. Membru tad-WCPFC li jkun ivvota kontra deċiżjoni, jew li kien assenti mil-laqgħa li fiha tkun ittieħdet, jista', fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tad-deċiżjoni, jitlob rieżami tagħha minn bord ta' rieżami.

### **3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqgħat annwali tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) hija stabbilita, attwalment, skont approċċ fuq żewġ livelli. Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali, u sussegwentament tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali permezz ta' dokumenti informali tal-Kummissjoni li jridu jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.

Għad-WCPFC, dan l-approċċ jiġi implimentat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 10124/1/14 REV 1 tas-16 ta' Ġunju 2014, li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fid-WCPFC għall-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2018. Din id-Deċiżjoni tinkludi prinċipji ġenerali u orjentazzjonijiet, iżda tqis ukoll, sa fejn ikun possibbli, l-ispeċifikitajiet tad-WCPFC. Barra minn hekk, din tistabbilixxi l-proċess standard sabiex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni sena wara sena, kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni 10124/1/14 REV 1 tipprevedi rieżami tal-pożizzjoni tal-Unjoni qabel il-laqgħa annwali tal-2019. Għaldaqstant, din il-proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fid-WCPFC għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2023, u b'hekk tissostitwixxi d-Deċiżjoni 10124/1/14 REV 1.

Id-Deċiżjoni 10124/1/14 REV 1 inkorporat il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) il-ġdida kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>, filwaqt li qieset ukoll l-għanijiet tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS<sup>3</sup>. Barra minn hekk, din aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni mat-Trattat ta' Lisbona.

Ir-reviżjoni attwali tqis, b'rabta mal-impatti tas-sajd, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Strateġija Ewropea għall-plastik fl-ekonomija ċirkolari*<sup>4</sup>, il-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika dwar is-Sigurtà u l-Kummissjoni dwar *Il-Governanza tal-Oċeani Internazzjonali: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*<sup>5</sup> u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar din il-Komunikazzjoni Konġunta<sup>6</sup>.

## **4. BAŻI LEGALI**

### **4.1. Bażi legali proċedurali**

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

"Atti li għandhom effetti legali" jinkludu atti li għandhom effetti legali permezz tar-regoli tal-liġi internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat, u strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont il-liġi internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-UE"<sup>7</sup>.

#### *4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-WCPFC hija korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni tad-WCPF.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>3</sup> COM(2011) 424, 13.7.2011.

<sup>4</sup> COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

<sup>5</sup> JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

<sup>6</sup> 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

<sup>7</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

L-atti li l-WCPFC hija mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. Dawn għandhom ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni tad-WCPF u jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġislazzjoni tal-UE, inkluż:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux regolat (IUU)<sup>8</sup>;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>9</sup>; u
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni<sup>10</sup>.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni tal-WCPF.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali tad-Deċiżjonijiet proposti hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

## **4.2. Bażi legali sostantiva**

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-għan u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tagħhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi legali sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-bażi legali li tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċiżjoni għandha tissostitwixxi d-Deċiżjoni 10124/1/14 REV 1, li tkopri l-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2018.

## **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>8</sup> ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

<sup>9</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>10</sup> ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li tirrevoka d-Deċiżjoni 10124/1/14  
REV 1**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE<sup>11</sup>, l-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (il-Konvenzjoni tad-WCPF), li stabbilixxiet il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC).
- (2) Id-WCPFC huwa l-korp stabbilit bil-Konvenzjoni tad-WCPF responsabbli mill-immaniġġjar u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPF. Id-WCPFC tadotta miżuri ta' konservazzjoni u mmaniġġjar sabiex tiżgura s-sostenibbiltà għal tul ta' żmien ta' stokkijiet ta' ħut migratorju fiż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPF u sabiex tippromwovi l-aħjar użu tagħhom. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieġ, u li jsir jtejjeb id-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi haġġin tal-baħar jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, sabiex tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, sabiex gradwalment jiġi eliminat l-iskartar u jiġu promossi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, safejn hu possibbli, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u sabiex is-sajd ikollu impatt żgħir fuq l-ekosistema tal-baħar u fuq ir-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi b'mod speċifiku li daww l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tlietliet tar-relazzjonijiet esterni tagħha fir-rigward tas-sajd.

- (4) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*<sup>13</sup>, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar din il-Komunikazzjoni Konġunta<sup>14</sup>, il-promozzjoni ta' miżuri sabiex tiġi appoġġjata u mtejbja l-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn ikun rilevanti, tittejjeb il-governanza tagħhom, hija ċentrali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.
- (5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar *Strateġija Ewropea għall-Plastik f'Ekonomija Ċirkolari*<sup>15</sup> tirreferi għal miżuri speċifiċi sabiex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun il-baħar tal-irkaptu tas-sajd.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tad-WCPFC għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2023, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tad-WCPFC ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008<sup>16</sup>, Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>17</sup>; u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup>.
- (7) Bħalissa, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tad-WCPFC hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 10124/1/14 REV 1<sup>19</sup>. Huwa xieraq li tiġi revokata d-Deċiżjoni 10124/1/14 REV 1 u li tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida għall-perjodu ta' bejn l-2019 u l-2023.
- (8) Fid-dawl tan-natura li dejjem qed tevolvi tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPF u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis żviluppi ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew waqt il-laqgħat tad-WCPFC, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju tal-koperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-

<sup>13</sup> JOIN(2016) 49 final, 10.11.2016.

<sup>14</sup> 7348/1/17 REV, 1 24.3.2017.

<sup>15</sup> COM(2018) 28 final, 16.1.2018.

<sup>16</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jirrevoka r-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

<sup>17</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jirrevoka r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

<sup>19</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fil-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC).

Artikolu 13(2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE), għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena għall-perjodu 2019-2023.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) hija stipulata fl-Anness I.

*Artikolu 2*

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat annwali tad-WCPFC għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-Anness II.

*Artikolu 3*

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tad-WCPFC fl-2024.

*Artikolu 4*

Id-Deċiżjoni 10124/1/14 REV 1 tat-3 ta' Ġunju 2014 hija mħassra.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*